**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur John Sammut)**
**-vs-**
**Keith Vassallo, detentur tal-karta tal-Identità Maltija bin-numru 0538185M**

*Każ Nru.: 5505/2024*

Illum**, 3 ta' Lulju 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Keith Vassallo** u ċioè:

Nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 2024 għall-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara nofsinhar (13:15) u fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa l-Lidl ta' <u>Triq L-Iljun Qormi,</u> u/jew dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq sempliċi ta' żewġ fliexken whiskey, tlieta redbull, flixkun orange juice u biċċa laħam, li jammontaw għal €44.91, għad-detriment ta' Lidl Malta u/jew entitajiet, persuni oħra u dan *bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. u talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi naqas milli iħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D., fid-digriet mogħti nhar it-12 ta' Mejju 2021, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt garanzija;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mill-Liġi, tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Keith Vassallo u tordna l-arrest mill-ġdid tal-istess Keith Vassallo, u dan ai termini tal-artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

> Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intjier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.
>
> Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma lum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat minn fejn jirriżulta li mhux xi *first-time offender,* tal-ammissjoni bikrija tiegħu, tal-ammont tar-res furtiva kif ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ fejn jirriżulta li l-imputat jinħtieġ kura psikjatrika.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 284 u 579(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġih taħt ordni ta' probation għal sentejn millum.

Inoltre tordna l-konfiska ta' **ħames mitt ewro (€500)** mill-garanzija personali li in konsiderazzjoni tal-istess ingħata l-ħelsien mill-arrest mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D., fid-digriet mogħti nhar it-12 ta' Mejju 2021.

Il-Qorti spjegat lill-ħati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jingħatawlu fil-perjodu ta' superviżjoni

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament għal żmien sentejn sabiex jingħata l-għajnuna psikjatrika meħtieġa. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole.

Finalment tordna notifika ta' din id-deċiżjoni lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**